# RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ nru:** | K/006 |
| **Ilment:** | Imġieba mhix etika minn membru parlamentari (il-Prim Ministru)<br><br>Donazzjoni illegali ta' proprjetà tal-istat għall-użu ta' partit politiku, bi ksur tal-liġi tal-finanzjament tal-partiti |
| **Min għamel l-ilment:** | Prof Arnold Cassola |
| **Data tal-ilment:** | 23 ta' Frar 2019 |
| **Data ta' dan ir-rapport:** | 2 ta' April 2019 |

## L-ilment:

B'email datata 23 ta' Frar 2019 indirizzata lili u lill-Kummissarju Elettorali Prinċipali, Prof Arnold Cassola talabna nifthu "*investigazzjoni dwar:*
*1. Imġiba mhux etika minn membru parlamentari (il-Prim Ministru); u*
*2. Donazzjoni illegali ta' proprjetà tal-istat għal użu ta' partit politiku, ħaġa li tmur kontra l-liġi tal-finanzjament tal-partiti*".

Huwa rriferiena ghas-segwenti URL:

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/93192/watch_joseph_muscat_lets_his_hair_down_at_girgenti_in_leaked_whatsapp_vid#.XHF9J6go80M.

## Deċiżjoni li ninvestiga:

Prof Cassola ma jindikax liema aspett tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u/jew tal-Membri Parlamentari jew dmir statutorju ieħor għandu jiġi investigat.

Huwa dmir tiegħi li nara jekk l-aġir irrappurtat jikkostitwix ksur tal-imsemmija kodiċijiet jew tal-liġi.

Fl-ilment promotur saret riferenza speċifika għall-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi (Kap 544 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-ilment ġie indirizzat ukoll lill-Kummissarju Elettorali Prinċipali. Għalhekk staqsejt lill-Kummissarju Elettorali Prinċipali jekk kienx ser jieħu konjizzjoni tal-ilment.

Is-Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali irrisponda l-mistoqsija tiegħi b'email tat-28 ta' Marzu 2019 billi ddikjara li l-Kummissjoni Elettorali mhux ser tagħmel investigazzjoni *"minhabba s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li ngħatat f'Ottubru, 2018, fejn il-liġi (Kap 544) intbagħtet lura l-Parlament"*.

Għalhekk, fid-dawl ta' dina l-pożizzjoni jiena ddeċidejt li nikkonsidra dan l-ilment fit-totalità tiegħu inkluż l-aspett ta' użu ta' propjetà jew riżorsi tal-istat għal skop politiku.

**Investigazzjoni:**

Indagajt permezz tas-Segretarju Permanenti Ewlieni (il-PPS) qabel xejn jekk teżistix policy dwar l-użu ta' residenzi uffiċjali.

Il-PPS ikkonferma li ma teżistix policy speċifika dwar l-użu ta' propjetajiet tal-istat. Qal ukoll li dejjem straħu fuq dak ipprovdut fil-*Manwal ta' Proċedura tal-Kabinett* fejn igħid fl-Art 5.7:

> *Waqt li hu rikonoxxut li fis-sitwazzjoni lokali hu diffiċli li tiddistingwi b'mod prattiku u ċar il-ħidma ta' Ministru bħala tali mill-ħidma tiegħu bħala membru parlamentari li jirrappreżenta distrett elettorali partikolari u l-votanti tiegħu, il-Ministru huwa fl-obbligu li jaċċerta ruħu li r-riżorsi u faċilitajiet tal-Gvern ma jintużawx minnu b'mod indebitu u rraġonevoli meta jkun qed jaġixxi bħala membru tal-Parlament.*

Inoltre, l-Art 4.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap 570) jitlob ukoll li:

> *Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

Il-PPS żied igħid:

> *Dawn iż-żewġ siltiet aħna ninterpretawhom li anki jgħoddu għal kull ħidma governattiva u għar-rizorsi disponibbli li jinkludu residenzi uffiċjali. Fir-rigward din tal-aħħar imma la darba hija residenza użata ħafna stediniet isiru u mhux eskluż li xi ħadd mill-mistiedna jew grupp minnhom jkun ukoll involut fl-arena politika. B'dan ma jfissirx li tkun qed tiġi organizzata attività politika fir-residenza uffiċjali. F'dal-każ partikulari*

*nista' nassigura li ma kinetx attività politika u wisq inqas partiġġjana. Safejn naf fil-fatt fil-video muri ma jidher ħadd li hu involut fil-qasam politiku għajr il-Prim Ministru nnifsu. Li kienet attività familjari joħroġ mill-fatt li jidhru ċari uliedu tfal u l-ġenituri tiegħu. Attivitajiet politiċi jista' jkollhom stediniet u avviżi pubbliċi. L-ebda minn dawn ma jeżistu għax la ħarġu stediniet uffiċjali u lanqas saru avviżi pubbliċi.*

Ktibt ukoll lill-Prim Ministru fejn staqsejtu jekk l-attività li tidher fil-filmat ċirkolat kinetx waħda ta' natura privata u jekk le, x'tip ta' attività; x'kienet l-okkażjoni; u jekk intefqux fondi pubbliċi għall-imsemmija attività. Il-Prim Ministru ikkonferma permezz ta' email tal-1 ta' April 2019 li l-attività *"kienet festin privat li ġie organizzat lili fl-okkażjoni ta' għeluq il-45 sena tiegħi, u għaliha ma ntużawx fondi pubbliċi."*

**Ikkunsidrajt:**

1: **Imġieba mhux etika minn Membru Parlamentari (Il-Prim Ministru)**

L-imġieba in kwistjoni hija dik murija f'video anness mal-ilment li skont Prof Cassola *"juri lill-Prim Ministru u lil martu jitbaħardu b'kant partiġġan fi proprjetà statali"*.

L-ilment in kwantu jolqot l-aspett ta' mġieba għandu jiġi valutat fil-kuntest ta' dak stipulat fil-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari u l-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Parlament.

L-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari li jistipula li Ministri għandhom iġibu ruħhom skont l-ogħla livell kemm fuq bażi personali kemm fil-qadi tad-doveri kostituzzjonali tagħhom.

Għalhekk dak li għandu jiġi valutat skont l-ilment huwa l-aġir tal-Prim Ministru muri fil-video imxerred fuq ir-rappurtaġġ indikat.

Kif jissuġġerixxi t-titolu tar-rappurtaġġ indikat, kien mument fejn il-Prim Ministru *"let his hair down"*. Fil-video l-Prim Ministru jidher ikanta kanzunetta popolari tal-passat b'kliem ta' tifħir ghall-perit Mintoff u mibdula biex tirreferi għall-Prim Ministru attwali, ma' familjari u ħbieb.

Il-video ma jidhirx li tqassam b'xi mod uffiċjali, anzi huwa aktar probabbli li tqassam *ad insaputa* tal-Prim Ministru. Infatti t-titolu tar-rappurtaġġ jindika li ġie *"leaked"*.

2. **Donazzjoni ta' proprjetà tal-istat għall-użu ta' partit politiku, ħaġa li tmur kontra l-liġi tal-finanzjament tal-partiti (Kap 544 tal-liġijiet ta' Malta)**.

It-tieni ilment huwa msejjes fuq premessa li l-Palazz tal-Girgenti, li huwa allokat lill-Prim Ministru bħala residenza uffiċjali, ġie mogħti għal okkażjoni ta' partit politiku. Nifhem li Prof Cassola wasal għal dina l-konklużjoni a bażi tan-natura partiġġjana tal-kanzunetta imsemmija.

Mill-indaġini li għamilt jirriżultali li l-festin in kwistjoni ma kienx attività ta' partit politiku iżda kien ta' natura privata fejn kienu mistiedna familjari u ħbieb qrib tal-Prim Ministru u s-Sinjura Muscat. Fl-istess video jidhru t-tfal tagħhom u l-ġenituri tal-Prim Ministru. Dan ġie konfermat mill-Prim Ministru permezz ta' email tal-1 ta' April 2019.

**Konklużjoni:**

Huwa minnu li l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari jobbliga Ministru (jew, f'dal-każ, il-Prim Ministru) li jġib ruħu skont l-ogħla livell anki "fuq bażi personali". Iżda għandu jkun hemm bażi oġġettiva biex wieħed jasal għall-konklużjoni li l-aġir fil-privat ta' Ministru kiser dan l-obbligu, bħal, per eżempju, li l-aġir in kwistjoni kiser il-liġi jew qabeż il-limiti tad-diċenza. F'dan il-każ m'hemm ebda bażi għal konklużjoni bħal din. Mhux kull ma jista' jdarras il-gosti ta' xi wħud neċessarjament jammonta għal ksur tar-regoli tal-etika.

Għalhekk fil-fehma tiegħi, li wieħed jiddeverti, fil-limiti tad-diċenza u f'daru, ma jistax jitqies aġir li għandu jiġi ċensurat.

Inoltre, ġaladarba persuna hija intitolata tgħix f'residenza statali, jsegwi li oltre festi uffiċjali, għandha jkollha d-dritt torganizza festini u attivitajiet privati f'dik ir-residenza u tistieden ħbieb u qraba. Jekk il-mistednin f'attività privata jkantaw kanzunetta partiġġjana, dan ma jfissirx li l-attività b'xi mod ma baqgħetx privata u saret attività ta' partit politiku.

Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, fil-fehma tiegħi ma jistax jingħad li propjetà tal-istat ingħatat għall-użu ta' partit politiku bi ksur tal-obbligu li tinżamm id-distinzjoni bejn ir-rwol ta' Ministru u dak ta' rappreżentant tal-poplu u/jew privat, u lanqas ma jista' jintqal li l-propjetà tal-gvern, konsiderat il-fatt li dina hija allokata bħala "residenza", intużat b'mod indebitu u irraġjonevoli bi ksur tad-dispożizzjoniet tal-*Manwal tal-Proċedura tal-Kabinett.*

Inoltre ġie stabbilit permezz ta' dikjarazzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni kif ikkonfermat mill-Prim Ministru li ma saret ebda talba għal fondi pubbliċi għal dina l-attività.

Għalhekk filwaqt li wieħed jista' anke jikkondividi l-veduta li t-tixrid ta' video f'dawk iċ-ċirkostanzi jista' jitqies insensittiv minn diversi aspetti, u li ċertament kien ikun aktar għaqli li festin privat jinzamm privat, jiena jidhirli li:

i. l-aġir tal-Prim Ministru, konsistenti f'kant brijuż, anke jekk ta' natura partiġġjana; u

ii. festin fir-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru, li ma ġiex iffinanzjat minn fondi pubbliċi,

ma jikkostitwixxux kondotta li *prima facie* tikser il-kodiċi ta' etika tal-Ministri jew xi dmir statutorju ieħor.

Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lil Prof Cassola, li għamel l-ilment; lill-Prim Ministru; u lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tal-membri.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika